# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M. (CARDIFF), ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, l-Erbgħa, 16 ta' Lulju 2025**

**Rikors Ġuramentat numru: 13/2021 BS**

**Tarcisio Said**

**-vs-**

**Carmen Cini, Desmond Cini u Sally Cini u b'digriet tal-1 ta' Ġunju, 2021 isem il-konvenuta Sally Cini ġie korrett sabiex jaqra Sally Farrugia[1]**

**Il-Qorti;**

**A. Preliminari:**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur[2] illi ppremetta:**

1. *Illi l-attur ghamel zmien konsiderevoli jippresta servigi, kuri u assistenza fil-kommissjiet kollha ta' Guzepp Cini li kien joqghod f' numru sebgha (7), Triq ir-Rabat, Nadur, Ghawdex, detentur tal-Karta ta' l-Identita' Numru 60742(G), li jigi zewg il-konvenuta Carmen Cini u missier il-konvenuti l-ohra, kif ser jigi dettaljatament pruvat waqt is-smiegh tal-kawza u dan kollu dejjem minghajr hlas izda bil-weghda tal-kumpens finali;*

[1] Digriet a fol 19.
[2] Rik. Ġur. A fol 1 sa 4.

2. *Illi inoltre huwa ghadda bosta flejjes lill-istess Guzepp Cini biex thallsu affarijiet tieghu, izda qatt ma gie rimborsat ghalihom;*

3. *Illi l-konvenuti gew interpellati sabiex jersqu ghal-likwidazzjoni u hlas ta' dawn is-servigi u rimborz tal-ispejjes, izda huma baqghu bla ebda risposta.*

**Talab għalhekk lill din il-Qorti:**

1. *Tillikwida il-kumpens dovut lill-attur ghas-servigi, kuri u assistenza rezi minnu lil Guzepp Cini;*

2. *Tillikwida l-ammont ta' flejjes li l-attur ghadda lil Guzepp Cini;*

3. *Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi dawn l-ammonti hekk likwidati.*

*BI-ispejjeż, inkluz dawk tal-lttra Ufficcjali Nru. 760/2019 ipprezentata fit-18 ta' Dicembru, 2019 u tal-Ittra Ufficcjali ohra Nru. 74/2021 ipprezentata fil-5 ta' Frar, 2021, bl-imghaxijiet u bl-ingunzjoni ghas-subbizzjoni illi ghaliha minn issa intom ingunti.*

*Bir-riżerva ta' kwalunkwe azzjoni ohra spettanti lill-attur kontra taghkom.*

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti[3] illi eċċepew:**

*Illi t-talbiet attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-istess atturi, u dan ghas-segwenti ragunijiet:*

1. *Illi fl-ewwel lok, u ghal kull buon fini, kunjom il-konvenuta "Sally Cini" ghandu jigi korrett sabiex dan ikun jaqra "Farrugia" u mhux "Cini";*

2. *Illi fit-tieni lok, il-konvenuta Carmen Cini mhix legittimu kontradittur u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-attur u dana stante illi hija rrinunzjat ghall-wirt ta' zewgha Guzepp Cini;*

3. *Illi fit-tielet lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, il-jeddijiet pretizi mill-attur huma in toto jew in parte preskritti bit-trapass tat-terminu ta'*

[3] Risposta ġuramentata a fol 11 u 12.

*hames (5) snin kif jipprovdi l-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

4. *Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess, ma hemm l-ebda ammont dovut lill-attur kif minnu pretiz, u dan kif sejjer jirrizulta fil-mori ta' din il-kawza;*

5. *Illi mbaghad u b'referenza ghal kull paragrafu tar-rikors guramentat l-esponenti ghandhom dan xi jghidu:*

   a. *Illi l-ewwel zewg paragrafi tar-rikors guramentat qed jigu kontestati stante illi l-attur ma presta l-ebda servizz illi jikwalifika bhala servigi u/jew kuri u/jew assistenzi. Anqas ma huwa minnu li kien hemm xi "wieghda tal-kumpens finali" stante illi d-decuius Guzepp Cini sa minn dejjem kien jghid illi lill-attur ma ried ihallilu xejn fit-testment tieghu;*

   b. *Illi a differenza ta' dak li ddikjara l-attur, l-esponenti debitament ikkontestaw l-ittra ufficjali tal-5 ta' Frar 2021 illi giet spedita lilhom.*

6. *Salvi eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-ligi.*

*Bl-ispejjez kollha kontra l-attur illi huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.*

**Fliet l-atti.**

**Rat** li fl-udjenza tal-1 ta' Ġunju, 2021 intlaqgħet talba tal-attur għal korrezzjoni fl-isem tal-konvenuta sabiex minn Sally Cini jiġi jaqra Sally Farrugia.[4]

**Rat** li in vista tal-korrezzjoni mitluba mill-attur rigward isem il-konvenuta Sally Farrugia, il-konvenuti rtiraw l-ewwel eċċezzjoni tagħhom.[5]

**Rat** li b'nota tagħhom tal-11 ta' Ġunju, 2021 il-konvenuti eżebew vera kopja ta' kuntratt tal-10 ta' Settembru, 2020 in atti Nutar Anthony Ħili li

[4] Verbal a fol 19.
[5] Verbal a fol 19.

bih il-konvenuta Carmen Cini kienet irrinunzjat għal-wirt ta' żewġha Ġużepp Cini.[6]

**Rat** li b'nota tal-1 ta' Diċembru, 2021 l-attur eżebixxa r-riċerki pubbliċi dwar Ġużepp Cini.[7]

**Rat** li fl-udjenza tat-22 ta' Novembru, 2022 l-attur iddikjara l-provi tiegħu magħluqa.[8]

**Rat** li fl-udjenza tat-8 ta' Ġunju, 2023 intlaqgħet talba tal-konvenuti sabiex jiġi allegat il-proċess dwar il-mandat ta' inibizzjoni numru 10/2021 BS fl-ismijiet Tarcisio Said vs Carmen Cini et.[9]

**Rat** l-atti proċesswali tal-mandat ta' inibizzjoni numru 10/2021 BS fl-ismijiet Tarcisio Said vs Carmen Cini et.[10]

**Rat** li fl-udjenza tat-13 ta' Novembru, 2024 il-partijiet iddikjaraw il-kontro-eżamijiet eżawriti bil-kawża ġiet differita għal preżentata tan-noti tal-osservazzjonijiet kif ukoll għal-llum għas-sentenza.[11]

**Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża**, inkluż id-dokumenti eżebiti u verbali kif ukoll it-traskrizzjonijiet tax-xhieda kollha u affidavits.

**Rat** in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet.[12]

****** 1**

## B. Provi:

[6] Nota a fol 54, kuntratt a fol 55 *et seq*. Il-kuntratt jidentifika lill-konvenuta Carmen Ċini bħala ġja legalment separata minn Ġużepp Ċini li miet fl-1 ta' Frar, 2019. Jidentifika wkoll li [i] l-istess Ġużepp u Carmen kienu għamlu testment *unica charta* nhar is-7 ta' Ottubru, 1983 in atti Nutar Ġiuseppi Cauchi; [ii] Carmen u Ġużepp ottjenew sentenza ta' separazzjoni personali mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Sezzjoni Familja, nhar it-28 ta' Jannar, 2003, liema deċiżjoni ddikjarat ukoll it-testment *unica charta* ġja msemmi bħala rexxiż; u [iii] li s-suċċessjoni ta' Ġużepp ġiet dikjarat miftuħa b'digriet tal-Qorti Volontarja ta' nhar it-18 ta' Settembru, 2019 skont liema digriet Ġużepp ġie dikjarat bħala li miet intestat u wirtuh il-ġja martu Carmen u uliedhom Sally u Desmond. Finalment il-kuntratt jgħaddi sabiex, *inter alia*, iġib fis-seħħ ir-rinunzja tal-wirt devolut mis-suċċessjoni ta' Ġużepp da parti tal-ġja martu Carmen.
[7] Nota a fol 218, riċerki a fol 219 *et seq*.
[8] Verbal a fol 272.
[9] Verbal a fol 327.
[10] Allegati ma' dawk ta' din l-istanza.
[11] Verbal a fol 401.
[12] Nota ta' l-attur ippreżentata fl-4 ta' Frar, 2025 u tal-konvenuti fid-29 ta' April, 2025.

**Semgħat ix-xhieda bil-ġurament u rat dik magħmulha bil-proċedura tal-affidavit, ta':**

**It-Tabib Dr. Michael Refalo**, in rappreżentanza tal-Isptar Ġenerali ta' Għawdex, xehed[13] dwar l-aħħar għaxar snin ta' ħajja tad-deċujus Ġużepp Cini ossia mis-sena 2009 'il quddiem.

Jeżebixxi lista bid-dettalji dwar kull meta l-istess Ġużepp daħal l-isptar minn Mejju, 2009 'il quddiem.[14]

Jgħid li l-aħħar darba li Ġużepp iddaħħal l-isptar kien fil-11 ta' Jannar, 2019. Iżid li kien sabu mitluf minn sensiegħ ħabib tiegħu. Iżid li m'għandux dettalji dwar min kien tali ħabib. Jgħid li dakinhar Ġużepp kien ħażin b'infezzjoni pulmonari u problemi bil-kliewi u ddetirjora.

Mistoqsi dwar xi kundizzjonijiet kroniċi jgħid li Ġużepp kellu problema mentali ta' *bipolarism*, *asthma*, u problemi bil-qalb.

Jelenka d-drabi li Ġużepp iddaħħal l-isptar qabel l-aħħar darba tal-11 ta' Jannar, 2019. Jaqra notament dwar ċirkostanza meta fit-3 ta' Diċembru, 2018 Ġużepp iddaħħal l-isptar wara li oħtu rat li ma' kienx qiegħed jitkellem tajjeb. Iżid li oħt Ġużepp hija Kelina Axiaq.

Ix-xhud obbliga ruħu li jeżebixxi kopja tal-*admission notes* dwar kull darba li Ġużepp iddaħħal l-isptar.[15] Jiġi speċifikat li t-talba tal-attur hija dwar l-eżebizzjoni tan-noti kull fejn dawn jindikaw minn min kien iddaħħal l-isptar Ġużepp.

B'nota tad-9 ta' Ġunju, 2021 eżebixxa kopja tal-partijiet tal-fajl mediku ta' Ġużepp Cini relattivi għal kull meta l-istess Ġużepp iddaħħal l-isptar u ttieħdet nota dwar minn min iddaħħal.[16]

[13] Traskrizzjoni tal-1 ta' Ġunju, 2021 mhix paġinata.
[14] Lista f'forma ta' żewġ *screenshots* a fol 13 u 14.
[15] Immedjatament fl-awla jeżebixxi tali dokumenti għal meta Ġużepp iddaħħal l-isptar fil-11 ta' Jananr, 2019 – a fol 15 sa 18.
[16] Nota a fol 22, dokumenti a fol 23 *et seq.*

**Christiana Buttiġieġ**, farmaċista fl-ispiżerija *Nadur Pharmacy* tan-Nadur, Għawdex, mistoqsija jekk tafx lill-attur xehdet[17] li jista' jagħti l-każ li ratu l-ispiżerija iżda ma tafux personalment.

Mistoqsija jekk hijiex f'pożizzjoni tgħid jekk l-attur kienx imur l-ispiżerija għal bżonnijiet tiegħu jew għal dawk ta' ħaddieħor tgħid li le.

Tgħid li apparti li jiġġestixxu l-ispiżerija huma joffru wkoll servizz ta' klinika privata kif ukoll dak tal-*Pharmacy of Your Choice* – "POYC". Tispjega li din hija sistema tal-Gvern fejn wieħed japplika sabiex jiġbor mediċinali li jkun intitolat għalihom b'xejn minn spiżerija tal-għażla tiegħu.

Mistoqsija jekk Ġużepp Cini kienx abbonat għal POYC sabiex jiġbor mediċinali mill-ispiżerija ġestita minnha tgħid li l-isem ma' għarfitux mill-ewwel iżda meta rriċerkat sabet li kien pazjent tal-POYC tagħhom.

Mistoqsija jekk tafx jekk Ġużepp kienx jiġbor il-mediċinali hu stess jew kienx jiddependi fuq ħaddieħor tgħid li ma tafx. Iżżid li fir-reġistru tal-POYC ikun hemm il-firma ta' min ikun irtira l-mediċinali.

**Manuela sive Michelina sive Kelina[18] Axiak** xehdet permezz ta' affidavit.[19]

Tiddikjara li hija oħt Ġużepp Cini, illum mejjet. Tgħid li hi u ħuha kienu qrib ħafna u jitkellmu ta' sikwit.

Tgħid li ħuha kien miżżewweġ lill ċerta Carmen minn ma' min kien issepara u għalhekk ma' kienux jgħixu flimkien. Iżżid li ħuha u Carmen kellhom żewġ ti tfal flimkien; Desmond u Sally. Tgħid li ħuha kien jgħid li kellu tifel ieħor l-Ingilterra jismu Paul.

Tgħid li lill-attur Tarcisio tafu jgħix fil-qrib ta' ħuha u kien midħla tal-istess ħuha. Iżżid li lill-attur kien ilha snin twal tarah jidħol għand ħuha meta ħuha kien għadu fl-aħjar tiegħu.

[17] Traskrizzjoni tal-1 ta' Ġunju, 2021 mhix paġinata.
[18] Ref. il-firma tagħha stess fl-aħħar paġna tal-affidavit.
[19] Affidavit a fol 60 u 61.

Tgħid li ma' tafx l-attur x'kien ikun jagħmel għand ħuha dak iż-żmien. Iżżid iżda li meta saħħet ħuha bdiet sejra lura ġieli ġara li l-attur mar għand ħuha waqt li hi kienet tkun hemm.

Tgħid li l-attur kien imur iżomm il-kumpanija lill ħuha. Tgħid li hi ma' kienitx tibqa hemm fejnhom.

Tgħid li l-attur kemm-il darba ħaseb għall-ikel għal ħuha.

Tgħid li darba, filgħodu, mar ħabtilha l-attur u nfurmagħha li kien ħa lill-ħuha l-isptar. Tgħid li staqsietu għalfejn ma' kienx qalilha qabel u huwa – l-attur – irrisponda li ma' kienx ser iqajjimha bil-lejl.

Tgħid li kienu mbagħad ċemplulha mill-isptar u qalulha li jekk ma' kienux ser jiġbru lill-ħuha kienu ser ipoġġuħ tax-xjuħ. Iżżid li hi għalhekk rat li ġabret lill-ħuha f'daru. Tgħid li l-attur kien baqa jmur jara jekk ħuha kellux bżonn ta' xi ħaġa.

Tgħid li x-xirja għal ħuha dejjem l-attur ħa ħsiebha. Tgħid li kienu hi u l-attur biss li kienu jduru b'ħuha.

Tiddikjara li Ġużepp kien qalilha li m'għadux ta' waħdu u talabha sabiex xi ħadd idur bih. Tgħid li hawn tkellmet ma' ħutha pero' ħadd minnhom ma' seta' jdur bih. Iżżid li għalhekk kellmet lill-attur li kien aċċetta li jdur b'ħuha hu. Tgħid li l-attur kien jagħmel kull ma' kien hemm bżonn għal ħuha.

Tiddikjara li darba l-eks mara ta' ħuha, Carmen, talbitha tmur magħha għand Ġużepp sabiex jiffirmalha xi dokument dwar xi flus. Iżżid li Carmen kienet damet għand ħuha xi nofs ta' nhar iżda ħuha baqa' ma' iffirmalhiex. Tgħid li wara saret taf li lill Carmen għand ħuha kien wassalha l-attur.

Tgħid li ftit żmien wara saħħet ħuha marret lura, ittieħed l-isptar mill-attur, u hemm miet.

**Alfred Axiak**, ir-raġel ta' Kelina Axiak, xehed permezz ta' affidavit.[20]

[20] Affidavit a fol 62.

Jikkonferma l-affidavit ta' martu Kelina fl-intier tiegħu.

Iżid li huwa kien jara lill-attur dieħel u ħiereġ mingħand Ġużepp. Iżid li minkejja dan huwa qatt ma' kien fid-dar ta' Ġużepp waqt li kien hemm ukoll l-attur.

Jgħid li lill-attur kien jarah jitkellem ma', u jżomm kumpanija lill Ġużepp. Iżid li darba rah ukoll jaqla' it-tappiera tad-drenaġġ ta' Ġużepp sabiex jagħmel xi tiswija.

**L-Avv. Dr. Sean Apap Meli**, in rappreżentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali, xehed[21] li Ġużepp Cini kien jipperċepixxi xi benefiċċji soċjali. Jeżebixxi dokumenti li juru dan.[22]

Jgħid li d-dokumenti juru benefiċċji perċepiti mis-sena 1994 sas-sena 2019 sena b'sena.

**Tarcisio Said**, l-attur, xehed permezz ta' affidavit.[23]

Jiddikjara li huwa jgħix in-Nadur, Għawdex. Iżid li xi 10 snin ilu jew qabel – qiegħed jixhed fl-2021 – kien kellmu Ġużepp Cini li wkoll kien min-Nadur sabiex jgħinu bil-batterija tal-karozza tiegħu.

Jgħid li huwa għin lill Ġużepp u dan talbu n-numru tiegħu sabiex ikellmu jekk ikollu xi bżonn.

Jgħid li minn dakinhar Ġużepp kien ħa kunfidenza miegħu u beda jibgħat għalih għal varji qadjiet. Jgħid li lill Ġużepp kien jixtrilu li jkollu bżonn u jiġborlu l-mediċina.

Jgħid li Ġużepp kien dieħel fiż-żmien u lilu kien jafdaħ sabiex jeħodlu ħsieb ta' dak li jkollu bżonn.

[21] Traskrizzjoni a fol 72 sa 74.
[22] Dokumenti a fol 75 *et seq.*
[23] Affidavit a fol 106 sa 108.

Jgħid li hu kellu post maġenb dak fejn kien joqod Ġużepp. Iżid li kull meta kien ikun fil-post tiegħu kien jimla tank bl-ilma għall-użu minn Ġużepp. Jgħid li dan peress li Ġużepp la kellu dawl u anqas ilma. Jgħid li hu kien anke jieħu ħsieb jiftaħ id-drenaġġ ta' Ġużepp meta dan kien jinstaddlu.

Jgħid li lill Ġużepp kien ukoll jeħodlu ħsieb ta' mandra żgħira li kellu mal-post tiegħu.

Jiddikjara li darba Ġużepp anke qabdu jirfidlu u jirranġalu x-xorok tal-bejt tal-għorfa li kienet saritilhom ħsara sostanzjali. Iżid li lil Ġużepp kien ukoll idurlu l-bjut kull sena.

Jgħid li ta' tali tiswijiet huwa qatt ma' ħadlu flus lill Ġużepp. Iżid li anke l-ispejjeż kien joħroġhom minn butu.

Jgħid li oħt Ġużepp, Kelina, kienet toqod faċċata ta' Ġużepp. Iżid li Ġużepp kellu ħutu oħrajn iżda huwa lill Kelina biss jaf ġieli tmur tara lill Ġużepp.

Jgħid li dwar xogħolijiet neċessarji għal Ġużepp kien hu biss li jmidd idejh.

Jgħid li għal-sitt jew seba' snin qabel ma' Ġużepp miet kien hu li kien jeħodlu x'jiekol. Iżid li dan ma' kienx ta' kuljum għaliex l-ikel kien iservih u ġieli kienet anke teħodlu oħtu. Iżid li kien iżda jeħodlu l-ikel ta spiss inkluż kull nhar ta' Ħadd u f'jiem il-festi.

Jgħid li ma' Ġużepp kien anke jaqsam dak li jkabbar fir-raba'.

Jgħid li lill Ġużepp kienu hu u oħt Ġużepp, Kelina, biss li kienu jmorru jarawh. Jgħid li hu kien imur fejn Ġużepp prattikament kuljum. Jgħid li Ġużepp ma' kienx iridu jitlaq u kien jgħidlu li jħossu waħdu u mdejjaq.

Jgħid li aktar ma' beda jgħaddi ż-żmien aktar kien imur ta' sikwiet jara lill Ġużepp. Iżid li laħaq anke mar darbtejn jew tlieta kuljum. Iżid li kien imur fejnhu filgħodu, jagħmillu l-kafe', u filgħaxija jeħodlu li jkollu bżonn u jara għandux bżonn xi ħaġa.

Jgħid li fl-aħħar sena Ġużepp beda jmur lura b'saħħtu u kien ikun għajjien ħafna. Jgħid li hawn beda anke jeħodlu ħsieb jagħmillu s-sodda, tal-knies,

u tal-ħasil tal-art għax Ġużepp ma' setax jibqa jieħu ħsieb hu. Jgħid li kien anke beda jqaxxarlu l-leħja u jaqtalu xagħru għax anqas għand parrukkier ma' kien irid imur.

Jgħid li kien anke jieħu ħsieb jiġbor il-mediċini ta' Ġużepp mill-ispiżerija tan-Nadur. Iżid li l-ewwel kien jieħu l-karta mbagħad xi jumejn wara jmur għal mediċina u jeħodha lill Ġużepp.

Jgħid li għax-xirjiet li kien jagħmillu Ġużepp ġieli ħallsu u ġieli le. Jgħid li hu ma' kienx ifittex miegħu peress li kien iwiegħdu li ser jaħseb fih.

Jgħid li saħħet Ġużepp baqgħat sejra lura sakemm anke kellu jibda jaħslu hu. Iżid li kien jerfgħu u jqandlu hu.

Jgħid li huwa kien jaf li Ġużepp kien isseparat u kellu żewġ ti tfal. Jgħid li jaf ukoll li Ġużepp kellu xi tifel ieħor l-Ingilterra.

Jgħid li Ġużepp ma' rid iħalli xejn lill-uliedu u kien wegħdu li kien sejjer iħalli kollox lilu.

Jgħid li darba mar għand Ġużepp u sabu fl-art. Iżid li kien biddillu għax kien ixxarrab, tellgħu f'sodtu, u għattieh. Iżid li matul il-lejl Ġużepp kien reġgħa waqa mis-sodda tant li filgħodu reġgħa sabu fl-art. Iżid li kien sabu kiesaħ u jħarħar. Jgħid li hawn reġgħa biddillu u telaq għax sa' ma' lestih ma' kienx ħażin. Jgħid li meta mbagħad reġgħa għadda aktar tard sab li Ġużepp kien għadu jħarħar u ħadu l-isptar b'ambulanza.

Jgħid li Ġużepp għamel xi jiem l-isptar fejn imbagħad miet.

**In kontro-eżami**, xehed[24] li jaqbel li Ġużepp kien partikolari u riservat ħafna. Iżid li kien ta' waħdu. Jgħid li jekk kien jitla l-pjazza ma' kienx jitħallat man-nies. Iżid li Ġużepp kien jitla jagħmel qadja.

Jaqbel li Ġużepp kien dejjem waħdu u ma' jfittex il-kumpanija tan-nies. Iżid li dejjem hekk jafu għax it-tnejn minn-Nadur.

Jgħid li Ġużepp beda jfittex lilu minn dik l-ewwel darba li talbu l-għajnuna bil-batterija tal-karozza. Jgħid li minn dakinhar Ġużepp kien

[24] Traskrizzjoni a fol 336 sa 340.

jibgħatu jagħmillu xi qadi. Jgħid li kien jixtrilu xi ikel iżda l-misjur kien joħodulu hu. Jgħid li għamel fuq għaxar snin jgħin lill Ġużepp.

Jaqbel li Ġużepp mard ma' kellux u kien anke jsuq.

Jgħid li Ġużepp kien anke jibgħatu jiġborlu l-mediċina. Iżid li għall-ewwel kien iwasslu l-ispiżerija iżda mbagħad beda jiġborlu l-mediċina hu. Mistoqsi kif jispjega li fuq il-karta tal-mediċina hemm biss il-firma ta' Ġużepp jgħid li lejn l-aħħar kien hu li jiġborlu l-mediċina. Iżid li għal bżonnijiet dejjem għalih kien jibgħat. Isemmi il-ftuħ tad-drenaġġ u t-tiswija tal-bjut.

Jgħid li l-bjut lill Ġużepp kien jeħodlu ħsiebhom darbtejn fis-sena. Iżid li lill Ġużepp kien anke jeħodlu ħsieb tal-mandra. Muri ritratt a fol 316 li juri mandra, jagħraf l-istess bħala l-mandra li Ġużepp kellu mal-post fejn kien jgħix. Iżid li hu kien imur meta jikmandah Ġużepp għax Ġużepp kien dittur. Jgħid li lejn l-aħħar l-mandra ma' baqax jitolbu jagħmililu.

Jaqbel li r-ritratti a fol 309 sa 315 juru l-istat tad-dar kif kien jgħix fiha Ġużepp. Iżid li Ġużepp lilu ma' kien iħallih imiss xejn. Jgħid li hu lill Ġużepp kien jagħmillu dak li jitolbu u xejn aktar.

Jgħid li lill Ġużepp kien imur jagħmillu l-kafe' darbtejn kuljum. Iżid li kien jagħmillu l-bjut darbtejn fis-sena u l-mandra meta jitolbu hu. Jgħid li hu biss kien imur fejnu, ħlief xi naqra oħtu Kelina.

Jaqbel li Ġużepp ma' kien jarmi xejn.

Jgħid li ġieli xtara xi affarijiet għal Ġużepp u tagħhom ma' tħallasx lura. Iżid li Ġużepp kien jgħidlu li mbagħad iħallsu.

**In re-eżami**, xehed[25] li bil-karozza Ġużepp ma kienx imur il-bogħod. Jispjega li kien isuq sa fejn Ta' Kenuna li jiġi qisu bogħod mill-Qorti sa Pjazza t-Tokk għal darbtejn.

Jgħid li fejn Ġużepp id-dar tiegħu kien imur darbtejn kuljum. Iżid li l-istess meta Ġużepp kien ikun rikoverat l-isptar.

[25] Traskrizzjoni a fol 340 u 341.

**Georgina Gauci**, in rappreżentanza tal-*Bank of Valletta p.l.c.*, xehdet[26] li Ġużepp Cini kellu erba' kontijiet bankarji magħhom. Teżebixxi rendikontijiet dwar l-istess.[27] Iżżid li l-kontijiet ingħalqu kollha fit-23 ta' April, 2020 b'*legal ruling* tal-bank.

**Angelo Parnis**, in rappreżentanza tal-*HSBC Bank Malta p.l.c.*, xehed[28] li Ġużepp Cini kellu kont wieħed magħhom. Jgħid li tali kont ingħalaq fi Frar 2020 bil-bilanċ fih inqasam bejn Desmond Cini u Sally Farrugia.

Jeżebixxi dokumentazzjoni dwar dan.[29]

**Amy Stuart Hill**, in rappreżentanza tal-*APS Bank*, xehdet[30] li Ġużepp Cini ma kellu ebda kontijiet jew investimenti magħhom.

**Gabrielle Portelli**, in rappreżentanza tal-*BNF Bank Malta p.l.c.*, xehdet[31] li Ġużepp Cini ma kellu ebda kontijiet jew investimenti magħhom.

**John Camilleri**, in rappreżentanza tal-*Lombard Bank*, xehed[32] li Ġużepp Cini ma kellu ebda kontijiet jew investimenti magħhom.

**Sally Farrugia**, konvenuta, xehdet permezz ta' affidavit.[33]

Tiddikjara li missierha Ġużepp Cini miet fl-1 ta' Frar, 2019. Iżżid li ommha u missierha kien ilhom separati mindu hi kellha xi ħames snin.

Tgħid li missierha ma' kellux problemi fiżiċi u la kellu bżonn u anqas kien ifittex ebda għajnuna. Iżżid li missierha kien rekluż u nies f'daru ma'

[26] Traskrizzjoni a fol 109 u 110.
[27] Rendikontijiet a fol 111 *et seq.*
[28] Traskrizzjoni a fol 184 u 185.
[29] Dokumenti a fol 186 *et seq.*
[30] Traskrizzjoni a fol 209 u 210.
[31] Traskrizzjoni a fol 212.
[32] Traskrizzjoni a fol 213.
[33] Affidavit a fol 274.

kienx irid. Tgħid li jista' jagħti l-każ li dan kien hekk peress li kellu problemi mentali.

Tgħid li safejn taf hi missierha żamm kuntatt biss ma' oħtu, Kelina, u ħuh, Alfred, illum mejjet. Iżżid li mill-bqija kien determinat li jagħmel kollox waħdu. Tgħid li kien isuq u jagħmel il-qadi waħdu. Iżżid li missierha anqas ma' għamel xi żmien rikoverat jew mixħut f'sodda.

Tgħid li d-dar għand missierha ma' stajtx tidħol kemm għax hu ma' ridtx hekk kif ukoll għax kien *hoarder*. Iżżid li anqas dawl u ilma ma' kellu fid-dar.

Tgħid li kull meta missierha fittex lilha jew lil ħuha Desmond dejjem sabhom. Iżżid li fil-fatt il-ftit drabi li huwa daħal l-isptar lilhom sab, inkluż l-aħħar li daħal ftit qabel miet.

**In kontro-eżami**, xehdet[34] li ma' missierha ma' kellix kuntatt regolari. Iżżid li dan peress li kien raġel partikolari u ma' kienx irid nies madwaru. Tgħid li la lilhom u anqas lill ħadd ma' kien ifittex.

Mistoqsija jekk huma kienux ifittxuh tgħid li meta kienu żgħar kienet storja, meta kibru nqalbet folja. Tgħid li missierha waqaf jarahom meta hi kellha qishom tmien snin, lejn is-sena 2000. Tgħid li aktar tard, jekk kienu jmorru d-dar tiegħu, kien ikollu kollox ta taħt fuq u ma' jħallik tmiss xejn. Iżżid li hu għalhekk ma' kienx irid nies madwaru. Tgħid li huma rrispettaw l-għażliet tiegħu.

Tgħid li bejn l-2000 u l-2018 huma ma' kellhomx kuntatt kontinwu iżda kull meta fittixhom huma kienu jkunu hemm.

Tgħid li lejn l-2018 missierha kien daħal l-isptar u kienu jmorru jarawh. Tgħid li malli ħareġ mill-isptar u mar id-dar ippruvaw iżommu l-kuntatt. Tgħid li jekk kienu jidħlu fejn kien jgħix missiera u jissuġġerixxu li ssir faċenda missierha ma kienx ikun irid.

Tgħid li l-kuntatt imbagħad reġa' beda jonqos. Tgħid li meta mbagħad reġa' daħal l-isptar f'Diċembru, 2018 reġgħu kienu jmorru jarawh.

[34] Traskrizzjoni a fol 375 sa 381.

Tgħid li fil-mumenti żgħar fejn huma setgħu jgħinuh dejjem għenuh. Tgħid li minkejja dan meta missierha kien ikun id-dar ma' kien irid lill-ħadd madwaru.

Tgħid li fl-aħħar ħames snin qabel miet missierha fl-2019 ma' daħlitx fid-dar tiegħu b'mod regolari. Iżżid li f'sena forsi daħlet għand missierha sitt darbiet.

Mistoqsija tafx x'kien jagħmel fil-ħajja ta' kuljum, fejn kien imur u għand min, jew min kien jieħu ħsiebu, tgħid li missierha d-dar kien ikun, ipejjep u jixrob l-inbid. Iżżid li kull meta marret dejjem hekk sabitu.

**Maria Vella**, familjari tal-konvenuti aħwa Sally u Desmond, xehdet permezz ta' affidavit.[35]

Tiddikjara li hija kienet miżżewġa lill Alfred illum mejjet, li jiġi ħu Ġużepp u allura z-ziju tal-konvenuti Sally u Desmond. Iżżid li għalhekk lill Ġużepp u lill-familtu hija tafhom mill-qrib.

Tgħid li Ġużepp kien jgħix l-Ingilterra u meta ġie lura ltaqgħa ma', u żżewweġ lill Carmen. Iżżid li ma' Carmen kienet tiltaqa ta' spiss u magħha kellha u għad għanda relazzjoni tajba.

Tgħid li Ġużepp kien diffiċli ħafna b'martu u wliedu batew ħafna miegħu.

Tgħid li meta Ġużepp u Carmen infirdu, Carmen baqgħet tgħix Marsalforn bit-tfal. Iżżid li Ġużepp mar jgħix fid-dar tal-ġenituri tiegħu bil-permess ta' ħutu, inkluż żewġha.

Tgħid li Ġużepp dejjem kien jieħu deċiżjonijiet strambi. Iżżid li maż-żmien beda jsir rekluż ħafna.

Tgħid li fid-dar fejn kien jgħix Ġużepp la kien hemm dawl u anqas ilma. Iżżid li l-istess dar qiegħda qrib ta' fejn tgħix hi. Tgħid li hi kienet tieħu ħsieb issajjar żejjed għal Ġużepp. Iżżid li għamlet snin twal tieħu l-ikel lill Ġużepp kważi kuljum.

[35] Affidavit a fol 275 u 276.

Tgħid li meta kienet tmur bil-borma għand Ġużepp u tħabbat dan ma' kienx jiftaħ sakemm iċċekċiklu l-għatu tal-borma. Iżżid li ma' kien jiftaħ lill ħadd. Tgħid li fid-dar Ġużepp ma kien idaħħal lill ħadd ħlief lill-oħtu Kelina.

Tgħid li milli setgħet tara minn fejn il-bieb ta' barra ġod-dar Ġużepp kellu ħafna ħmieġ u taħwid. Iżżid li qatt ma' rat lill ħadd fid-dar miegħu.

Tgħid li Ġużepp kien għadu fuq saqajh, kapaċi jsuq u joħroġ mid-dar. Iżżid li kien anke jirċievi ċekk tal-Gvern li safejn taf hi kien isarraf hu stess.

Tgħid li lill-attur hi qatt ma' ratu dieħel jew ħiereġ għand Ġużepp jew jassistih b'xi mod.

**In kontro-eżami**, xehdet[36] li żewġha kien iħeġġiġa sabiex fejn issajjar platt għalihom iżżid ieħor għal ħuh Ġużepp. Iżżid li hi hekk kienet tagħmel.

Tgħid li x'ħin kienet tmur għand Ġużepp bl-ikel dan ma' kienx jiftħila l-bieb. Tgħid li mbagħad kienet iċekċek l-għatu tal-borma u kien ibexxaq il-bieb.

Tgħid li kienet tgħidlu li spiċċa hekk għax ried għax martu kienet tħobbu. Iżżid li kien jgħidilha *"bye, bye. Jien m'għandix tfal"*.

Mistoqsija għalfejn kien jgħidilha li m'għandux tfal tgħid li ma' tafx. Iżżid li hu kellu problemi mentali.

Tgħid li Ġużepp kien dejjem idur barra bil-karozza.

Tgħid li żewġha ilu nieqes tmien snin – qed tixhed fl-2024. Tgħid li wara li miet żewġha ma' baqgħetx issajjar lill Ġużepp. Iżżid li kien hemm min hu aktar mill-qrib sabiex jgħin lill Ġużepp. Issemmi lill-oħt Ġużepp, Kelina Axiak.

Tgħid li fid-dar fejn kien, bla dawl u ilma, lill Ġużepp kienet oħtu li ġabitu għax qalet li stħat tħallih l-isptar meta kellu ħutu. Tgħid li dan kien fiż-żmien li żewġha kien għadu ħaj.

[36] Traskrizzjoni a fol 387 sa 397.

Tgħid li minn meta miet żewġha hi, lill ħu żewġha Ġużepp, ma' reġgħatx ratu. Tispjega li anzi fl-aħħar sena ħajja ta' żewġha hi kienet wisq okkupata sabiex taħseb f'Ġużepp. Tgħid li dan peress li żewġha kien marid terminali. Iżżid li dak iż-żmien Ġużepp kien għadu joħroġ mid-dar anke bil-karozza.

Tgħid li Kelina kienet toqod faċċata ta' Ġużepp. Iżżid li ma tafx li Kelina kienet tieħu l-ikel lill Ġużepp.

Tgħid li meta Kelina riedet iġġib lill Ġużepp lura d-dar mill-isptar staqsieta ddurx b'Ġużepp hi u hi qaltilha le. Iżżid li Ġużepp kien dejjem bl-inbid u mediċinali fil-karozza, hu ma' ridtx jaf b'ġabra, u hi ma' riditx inkwiet.

Tgħid li kien imbagħad l-attur Tarcisio li wera ħniena minn Ġużepp u kien itih xi borma. Iżżid li darba rat lill-attur l-ħanut tal-imnut u qalilha li kien jixtri għal Ġużepp.

Tgħid li kemm damet tieħu l-borma lill Ġużepp hi lill-attur ratu xi erba' darbiet ħiereġ mingħand Ġużepp. Iżżid li ratu b'borma f'idu. Tgħid li kull meta rat lill-attur dieħel għand Ġużepp dejjem b'xi ħaġa f'idu kien ikun.

Tgħid li lill-attur tafu għax jaħdmilha r-raba'.

Tgħid li kieku ma' kienx l-attur lill Ġużepp kienu jsibuh skeletru.

**In re-eżami**, xehdet[37] li Ġużepp kien jgħix qisu annimal. Tgħid li kien jixrob anke mal-mediċina. Tgħid li l-bieb tad-dar fejn kien jgħix anqas stajt tiftħu bl-imbarazz li kellu. Tgħid li d-dar kien qisha miżbla.

Tgħid li Ġużepp baqa ndipendenti u jsuq il-karozza anke wara li miet żewġha. Iżżid li Ġużepp m'għamilx żmien twil mixħut.

Tgħid li Ġużepp kien ħassu ħażin u li ma' daħalx fejnu l-attur ħadt ma' kien isibu.

Tgħid illi li kieku ma' kienx l-attur, Ġużepp kien jinten hemm ġew u ħadd ma' kien jinduna.

[37] Traskrizzjoni a fol 397 sa 400.

**Desmond Cini**, konvenut, xehed permezz ta' affidavit.[38]

Jiddikjara li huwa qara u jikkonferma bis-sħiħ l-affidavit ta' oħtu, il-konvenuta Sally.

Jgħid li missieru Ġużepp, illum mejjet, ma' kellux mard kroniku li jirrikjedi l-għajnuna ta' terzi. Iżid li fil-fatt missieru baqa' jsuq sal-aħħar u l-ħtiġijiet tiegħu kien jaqdihom hu.

Jgħid li missieru kien iżda jbagħti minn kundizzjonijiet mentali sforz ta' liema ma' kienx ifittex lin-nies, speċjalment barranin. Jgħid li apparti l-ftit okkażjonijiet li kienu jarawh hu u oħtu, għal missieru kellhom biss aċċess uħud minn ħutu u Maria li kienet miżżewġa lill ħuh Alfred.

Jiddikjara li huwa infermier. Jgħid li mindu kien żgħir kien jaf li missieru għandu xi problema u issa jifhem aktar li din kienet waħda ta' natura psikika.

Jgħid li l-fajl mediku ta' missieru juri li missieru kien fiżikament f'saħħtu iżda mentalment le. Jgħid li mindu kien tfal lill missieru jafu jew ewforiku jew dipressat – qatt ma' kien hemm triq tan-nofs.

Jgħid li mill-istess fajl mediku ta' missieru jirriżulta li missieru kellu *bipolar disorder* u *paranoid personality disorder*. Iżid li kien ilu jbagħti b'tali kundizzjonijiet għalkemm ma' jistax jgħid meta ġie dijanjostikat. Iżid li missieru kellu *psychiatric follow-ups* kull sitt jew seba' xhur. Jagħti riassunt dwar l-istess. Jeżebixxi d-dokumenti mediċi li jagħmel referenza għalihom.[39]

Jgħid li fil-fajl mediku ta' missieru isem l-attur ma' jidher imkien. Iżid li hu biss – ix-xhud – jirriżulta bħala *"next of kin"*.

Jeżebixxi dokument li kien jawtorizza lill-missieru jiġbor mediċinali bl-iskema *Pharmacy of Your Choice*.[40] Iżid li minn tali dokument jirriżulta li kien biss missieru li jiġbor il-mediċinali tiegħu stess.

---

[38] Affidavit a fol 284 sa 286.
[39] Dokumenti a fol 287 *et seq.*
[40] Dokument a fol 306 u 307.

Jgħid li ftit wara li naqas missieru huwa daħal fid-dar fejn kien jgħix missieru u hemm sab żewġ djarji. Iżid li missieru kien *serial hoarder* bid-djarji nstabu taħt ħafna mbarazz. Jgħid li d-djarji jkopru l-perijodu bejn l-2016 u l-2018 u minnhom jirriżulta li missieru kien kapaċi jieħu ħsieb tiegħu nnifsu. Jeżebixxi ż-żewġ djarji.[41]

Jeżebixxi wkoll sett ritratti meħudha minnu stess li juru l-istat tad-dar li fiha kien jgħix missieru.[42] Jgħid li fl-istess dar la kien hemm dawl u anqas ilma u għalhekk anqas kien hemm affarijiet bażiċi bħal *fridge*.

**In kontro-eżami**, xehed[43] li l-ġenituri tiegħu kienu separati u missieru kien jgħix waħdu.

Mistoqsi jekk lill-missieru kienx ikellmu regolarment jgħid li missieru kien ibagħti bil-paranoja u skizzofrenija. Jgħid li minħabba f'hekk kien hu li jaqta l-kuntatt minn magħhom.

Jispjega li missieru kien jaħseb li kulħadd lest għalih.

Mistoqsi kemm-il darba ra lill-missieru fl-aħħar ħames snin ta' ħajtu jgħid li ma' jistax jgħid bl-eżatt. Jgħid li ġieli prova jarah u missieru ma' taħx wiċċ. Iżid li missieru anqas kien idaħlek fid-dar fejn kien jgħix.

Jgħid li fil-bidu ġieli ttenta jara lill-missieru fuq tlett'ijiem f'ġimgħa. Jgħid li missieru ma' kienx juri nteress. Jgħid li mbagħad hu qata.

Jgħid li missieru miet fl-2019. Iżid li għal għaxar snin qabel ċertament li ttentaw jarawh b'mod regolari.

Jgħid li meta kien tfal, missieru kellu dritt ta' aċċess b'ordni tal-Qorti iżda kien hu li qata' milli jmur jarahom.

Jgħid li meta mbagħad saħħet missieru bdiet tmur lura, hu kien diġà qiegħed jistudja għall-infermjier. Iżid li sħabu tal-isptar kienu jgħidulu li hemm missieru l-isptar u hu kien imur jipprova jarah. Jgħid li anqas kien jgħidlu missieru stess li qiegħed l-isptar.

---

[41] Żewġ djarji eżebiti f'envelop a fol 318.
[42] Ritratti a fol 309 *et seq.*
[43] Traskrizzjoni a fol 367 sa 373.

Jgħid li lejn l-aħħar ta' ħajjet missieru kellu kuntatt aħjar miegħu. Iżid li meta missieru kien l-ITU kien imur jarah kuljum.

Jgħid li sakemm missieru kien id-dar hu ma' kienx imur u ma' jafx x'kien jiġri fil-ħajja ta' kuljum ta' missieru.

**Leanne Vella**, in rappreżentanza tas-soċjetà *ARMS Limited*, xehdet[44] li Ġużepp Cini ma' kellu ebda kont tal-utilitajiet irreġistrat f'ismu.

**Saviour Farrugia**, in rappreżentanza ta' *Transport Malta*, xehed[45] li Ġużepp Cini kellu vettura rreġistrata f'ismu mill-11 ta' Ġunju, 2003 sal-31 ta' Ottubru, 2011 u oħra mis-7 ta' Settembru, 2011 sas-6 ta' Frar, 2020. Jgħid li t-tieni vettura kienet eventwalment ġiet skrapjata.

Jobbliga ruħu li jeżebixxi b'nota dettalji dwar l-iskrapjar tat-tieni vettura. Jeżebixxi nota fit-12 ta' Ġunju, 2023 li biha juri li t-tieni vettura kienet għaddiet mingħand Ġużepp lill-ibnu Desmond u ġiet skrapjata fis-6 ta' Frar, 2020.[46]

## C. Ikkunsidrat:

### Preliminari:

B'din l-istanza, l-attur, wara li ppremetta li għamel żmien konsiderevoli jippresta serviġi, kuri, u assistenzi lill Ġużepp Cini u anke għadda bosta flejjes lill-istess Ġużepp Cini li tagħhom qatt ma ġie rimborsat, talab il-likwidazzjoni tal-kumpens dovut lilu għall-istess serviġi, kuri, u assistenzi kif ukoll dik tal-flejjes minnu mgħoddija lill-istess Ġużepp Cini u kundanna sabiex il-konvenuti jħallsuh l-ammonti hekk likwidati.

Il-konvenuti lkoll laqgħu għal dawn it-talbiet atturi billi preliminarjament eċċepew li: konjum il-konvenuta Sally kellu jaqra Farrugia u mhux Cini;

[44] Traskrizzjoni a fol 321 u 322.
[45] Traskrizzjoni a fol 323 sa 325.
[46] Nota a fol 329, dokument a fol 330 sa 332.

li l-konvenuta Carmen Cini mhijiex leġittimu kuntradittur, u; li l-jeddijiet pretiżi mill-attur huma *in toto* jew *in parte* preskritti ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16, Liġijiet ta' Malta. Fil-mertu, eċċepew li ebda ammont m'huwa dovut lill-attur.

L-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti ġiet irtirata mill-istess konvenuti wara li fl-udjenza tal-1 ta' Ġunju, 2021 intlaqgħet talba tal-attur għal korrezzjoni fl-isem tal-konvenuta sabiex minn Sally Cini jiġi jaqra Sally Farrugia.[47]

Ir-rimanenti eċċezzjonijiet ser jiġu disposti f'din id-deċiżjoni.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Qabel tgħaddi għal kunsiderazzjonijiet legali, din il-Qorti tħoss li huwa opportun li jingħata riassunt tal-fatti saljenti li wasslu għal din l-istanza.

Jirriżulta nkontestat li l-konvenuti huma omm – Carmen – u uliedha flimkien ma' ċertu Joseph sive Ġużepp Cini, Desmond Cini u Sally Farrugia nee' Cini.[48]

Jirriżulta ulterjorment li Carmen u Ġużepp ġja konjuġi Cini kien ilhom legalment separati permezz ta' deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Sezzjoni Familja, ġja mit-28 ta' Jannar, 2003.[49]

Jirriżulta wkoll li l-konvenuta Carmen Cini kienet debitament irrinunzjat għall-wirt tal-eks żewġha Ġużepp b'dikjarazzjoni magħmulha minnha fid-dikjarazzjoni *causa mortis* dwar is-suċċessjoni ta' Ġużepp Cini, datata l-10 ta' Settembru, 2020 in atti Nutar Anthony Hili fejn ingħad testwalment li *"il-komparenti Carmen Cini qegħda tirrinunzja għall-finijiet u effetti tal-liġi u partikolarment tal-Artikolu tmien mija u sittin sub-inċiż tnejn (Artikolu 860(2)) tal-Kodiċi Ċivili ta' Malta, Kapitolu sittax (16) tal-Liġijiet ta' Malta, għall-eredita' tal-imsemmi żewġha Joseph Cini"*.[50]

[47] Verbal a fol 19.
[48] Ref. *inter alia*, l-affidavits tal-partijiet konvenuti.
[49] Ref. l-aħħar paragrafu tad-dikjarzzjoni *causa mortis* dwar is-seċċessjoni ta' Ġużepp Ċini, datata l-10 ta' Settembru, 2020 in atti Nutar Anthony Hili, fil-paġna tal-istess li tinsab a fol 55 liema paragrafu jkompli a fol 56.
[50] Ref. it-tieni paragrafu sħih fil-paġna tad-dikjarazzjoni *causa mortis* li tinsab a fol 56.

Jirriżulta wkoll ammess mill-konvenuti aħwa ġermani Cini, Desmond u Sally, li r-relazzjoni tagħhom ma' missierhom Ġużepp Cini kienet waħda sporadika ħafna billi missierhom kien ibgħati minn ċerti kundizzjonijiet psikiċi li kienu jwassluh li jinqata waħdu u jżomm inbiegħed minn-nies, inkluż mill-istess uliedu.[51]

Jirriżulta wkoll inkontestat li Ġużepp Cini m'għamilx xi żmien twil mixħut f'sodda jew fi sptar iżda miet fl-1 ta' Frar, 2019[52] wara li ddaħħal l-aħħar darba l-isptar fil-11 ta' Jannar, 2019 wara li kien instab f'daru mitluf minn sensiegħ minn "ħabib" tiegħu.[53]

Minn hawnhekk 'il quddiem jibda mbagħad id-diżgwid bejn il-partijiet bl-attur jgħid li huwa dam snin jippresta serviġi, kuri, u assistenzi lill-illum mejjet Ġużepp Cini mentri l-konvenuti aħwa Desmond u Sally jinsistu li dan mhuwiex minnu u li kienu huma li kull meta missierhom sejħilhom sabiex jgħinuh f'kull ma' kien jinneċessita' kienu jagħmlu dan.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Fid-dawl tal-fatt li l-konvenuti qajjmu wkoll eċċezzjoni dwar il-preskrizzjoni tat-talbiet atturi, din il-Qorti trid tibda sabiex b'xi mod – fin-nuqqas in ġenerali ta' provi in atti fir-rigward – testrapola ż-żmien li fih allegatament l-attur ippresta tali serviġi, kuri, u assistenzi lill Ġużepp Cini.

L-attur qalja jittenta jispeċifika terminu fejn suppost hekk presta tali kuri, serviġi, u asistenzi li issa jippretendi kumpens dwarhom mingħand il-konvenuti *qua* eredi ta' Ġużepp Cini.

Infatti, fir-rikors promotur tiegħu jgħid biss li għamel *"żmien konsiderevoli"* jippresta kuri, serviġi, u assistenzi lill Ġużepp, mentri fl-affidavit tiegħu[54] isemmi kif f'xi żmien *"madwar għaxar (10) snin ilu jew ftit*

[51] Ref. in konfermazzjoni tal-fatt li Ġużepp Ċini kien afflit minn tali kundizzjonijiet psikiċi, il-varji dokumenti eżebiti in atti mill-fajl mediku tal-istess Ġużepp kemm mir-rappreżnetant tal-isptar ġenerali ta' Għawdex – a fol 13 sa 18 kif ukoll a fol 23 sa 53 – kif ukol mill-konvenut Desmond Ċini – a fol 287 sa 307 – u, in konfermazzjoni tal-fatt li Ġużepp Ċini kien ta' waħdu u maqtugħ minn-nies it-traskrizzjonijiet tax-xhieda kollha li tressqu f'dan il-proċess, inkluż tal-attur inniffsu u tal-mara ta' ħu Ġużepp, Alfred, ossia Maria Vella, kif anke juru r-riassunti tat-testimonjanzi nklużi f'din id-deċiżjoni.
[52] Data tal-mewt ta' Ġużepp Ċini kkonfemata minn uliedu l-konvenuti Sally u Demsond fl-affidavits tagħhom a fol 174 u a fol 284 *et seq* rispettivament kif ukoll mid-dikjarazjoni *causa mortis* relattiva għalih a fol 55 *et seq*.
[53] Ref. ix-xhieda tat-tabib Dr. Michael Refalo mogħtija in rappreżentanza tal-Isptar Ġenerali ta' Għawdex mogħtija nhar l-1 ta' Ġunju, 2021 – in atti iżda mhux paġinata – in partikolari il-partit al-istess afol 3 minn 9 tal-istess traskrizzjoni.
[54] Affidavit a fol 106 *et seq.*

*aktar"* – bl-affidavit inħalef fl-2021 u allura tali terminu jwassal għall-ċirka l-2011, iltaqa' ma' Ġużepp u għinu bil-batterija tal-karozza tiegħu u minn hemm Ġużepp baqa' jibgħat għalih għal xi bżonnijiet varji – isemmi teħid ta' ikel b'mod regolari u kull nhar ta' Ħadd u festi, xiri ta' oġġetti bżonn għad-dar, għajnuna regolari bil-batterija tal-karozza stante li Ġużepp ma' kienx isuq kuljum bil-batterija kienet tagħqa, tiswija ta' bjut darbtejn fis-sena, ftuħ ta' drenaġġ meta jkun hemm bżonn stante li Ġużepp ma' kellux faċilita' ta' dawl u ilma fid-dar u kien jingħata l-ilma mill-attur, xogħol f'mandra mad-dar ta' Ġużepp meta jintalab jaħdimlu l-mandra minn Ġużepp stess, u ġbir ta' mediċinali għall Ġużepp minn spiżerija fin-Nadur, Għawdex.

Minkejja dan, ix-xhieda Manuela sive Michelina sive Kelina Axiak – oħt Ġużepp Cini, u Maria Vella – mart ħu Ġużepp, Alfred, li tressqu jixhdu f'din l-istanza mill-attur u mill-konvenuti rispettivament, ilkoll jikkonfermaw li l-attur kien jagħti daqqa t'id lill Ġużepp Cini.

Hawn iżda wkoll ġiet innutata nuqqas ta' kjarezza u anke ċerta nkonsistenza.

Kelina tgħid li lill-attur kien ilha *"snin kbar* (t)*arah jidħol għand* (ħuha) *Ġużeppi"* kemm meta l-istess ħuha Ġużepp kien għadu fl-aħjar tiegħu kif ukoll meta saħħtu bdiet sejra lura.[55] Ma' tispeċifikax wisq, iżda, x'kien jagħmel għal-ħuha l-istess attur għajr li tgħid li ġieli ħasiblu għall-ikel u li kien jagħmillu x-xirja u darba ħadu ħaslu, tah tibdila, u qatgħalu xagħru.[56] Ir-raġel ta' Kelina Axiak, Alfred, jikkonferma ulterjorment li għalmenu darba ra lill-attur jiftaħ it-tappiera tad-drenaġġ ta' Ġużepp.[57]

Maria Vella tibda sabiex fl-affidavit tagħha rilaxxat bħala parti mill-provi tal-konvenuti tgħid *"nikkonferma illi lil Tarcisio Said jiena qatt ma rajtu dieħel jew b'xi mod jassisti lil Joseph Cini"*,[58] b'dan iżda li mbagħad, fl-istadju tal-kontro-eżami tagħha, tidher voċifera għall-aħħar f'li tinsisti illi li kieku ma' kienx għall-attur, Ġużepp Cini kien jisntab mejjet f'daru jiem wara mewtu, tant ħadd ħlief l-attur, għajr għal xi daqxejn oħtu Kelina, ma' kien idur bih jew imqar jittawwallu. Iżżid tgħid ukoll li l-attur kien ċertament idur b'Ġużepp minn qabel miet żewġha, ħuh Alfred, li miet fl-2016.[59]

---

[55] Ref. in partikolari, is-sitt u s-seba' paragrafu tal-affidavit tagħha a fol 60 *et seq.*
[56] Ref. id-disa', it-tnax, u s-sittax il-paragrafu tal-affidavit tagħha a fol 60 *et seq.*
[57] Ref. l-affidavit tiegħu a fol 62.
[58] Ref. il-ħdax il-paragrafu tal-affidavit tagħha a fol 275 *et seq.*
[59] Ref. ir-raba' paġna tat-traskrizzjoni tal-kontro-eżami tagħha li tinsab a fol 387 *et seq.*

Fl-inkonsistenza ta' din ix-xhieda kemm bejn il-verżjoni tal-attur u dik tal-konvenuti iżda anke bejn ix-xhieda mressqa mill-istess partijiet ilkoll, din il-Qorti ma' tistax tikkonferma perijodu speċifiku meta l-attur presta kuri, serviġi, u assistenzi. Minkejja dan, u in partikolari fid-dawl tat-testimonjanzi mogħtija minn Kelina Axiak u Maria Vella, anqas tista' tinnega li xi ħaġa ta' ġid favur Ġużepp l-attur ċertament li kien għamel.

Mhux mitluf fuq din il-Qorti l-fatt li minkejja li l-konvenuti aħwa ġermani Cini jgħidu li pruvaw kemm ippruvaw huma kienu preklużi milli jagħmlu aktar milli għamlu ma' missierhom, l-istess aħwa Cini jaqblu li zijithom Kelina dejjem kienet u baqgħet preżenti f'ħajjet missierhom, ħuha Ġużepp, anke peress li kienet toqod faċċata tiegħu.

Kelina hija għalhekk l-unika persuna li x-xhieda kollha li tressqu quddiem din il-Qorti f'dawn il-proċeduri mhux biss tirriżulta li baqgħat konsistenti f'ħajjet ħuha Ġużepp iżda kienet addirittura tgħix faċċata tiegħu b'mod li setgħa kellha viżwali tajba ta' dak li kien għaddej f'ħajjet u fid-dar tal-istess Ġużepp. B'dan li darba Kelina tikkonferma li l-attur kien preżenti f'ħajjet Ġużepp u kien jgħinu f'diversi affarijiet, ma' jiswiex għal din il-Qorti li tinnega t-testimonjanza mogħtija bil-ġurament minn mara ta' 'l fuq minn ħamsa u sebgħin sena li baqgħet konsistenti fix-xhieda tagħha.

Din il-Qorti tinsab għalhekk sodisfatta li l-attur presta xi kuri, assistenzi, u serviġi lill Ġużepp Cini u dan sa' minn għalmenu l-2011 'il quddiem kif jindika hu stess fl-affidavit tiegħu, fid-dawl tax-xhieda ta' Maria Vella li tixhed li żewġha miet fl-2016 iżda l-attur kien preżenti f'ħajjet Ġużepp sa minn żmien qabel dan.

Huwa minnu li żewġ djarji li nstabu mill-konvenut Desmond Cini fid-dar li fiha kien jgħix missieru juru li Ġużepp Cini kien iżomm nota tal-bżonnijiet tiegħu. Huwa minnu wkoll li x-xhieda lkoll li tressqu f'dawn il-proċeduri konsistentement stqarru li Ġużepp baqa' ndipendenti għall kollox sa ftit qabel mewtu u kien jgħix ħajja sempliċi għall-aħħar li ma tirrikjedix wisq xogħol – bħal tindif eċċ – oltre għall fatt li l-kundizzjoni psikika li kellu kienet tfisser li ma' ridtx nies f'daru u madwaru. Huwa minnu wkoll li d-dokumenti meħudha mill-fajl mediku ta' Ġużepp Cini juru biss lill oħtu Kelina, mart ħuh Alfred, Maria, u lill-uliedu bħala dawk

li ħaduh l-isptar f'każ ta' bżonn għajr għal darba fejn jissemma ħabib li ma' ġiex identifikat.[60]

Dan iżda ma' jnaqqasx mill-fatt li l-konvenuti stess jammettu u juru anke b'dokumenti mediċi li Ġużepp kellu patoloġija psikika li kienet tirrendih vulnerabbli u bżonnjuż.[61]

Ma' tistax għalhekk tiġi kompletament innegata il-possibilita' li xi darba fittex u sab wens fl-attur. Dan partikolarment, u kif ingħad, fid-dawl ta' dak li jixhdu x-xhieda Kelina Axiak u Maria Vella.

Huwa f'dan id-dawl li din il-Qorti trid allura tikkunsidra l-proviżjoni tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16, Liġijiet ta' Malta, kif iċċitat mill-konvenuti.[62]

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

L-Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16, Liġijiet ta' Malta jipprovdi kif isegwi:

> **2156.** *L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin:*
> […]
>
> *(f) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku;*

Dwar din l-eċċezzjoni tal-konvenuti ma' saret ebda kontestazzjoni da parti tal-attur fil-waqt tal-ġbir tal-provi.

B'dan illi din il-Qorti tista' tqies li:

[60] Ref. dokumenti a fol 13 sa 18, 23 sa 53 u 287 sa 307.
[61] *Ibid.*
[62] Ref. it-tielet eċċezzjoni tal-konvenuti fil-paġna tar-risposta ġuramentata tagħhom li tinsab a fol 11. Il-konvenuti erronjament jindikaw il-Kap.12 minflok dak 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Huwa iżda ċar mir-referenza li jagħmlu għat-terminu preskerittiv ta' ħames snin u għall-fatt li l-Kap. 12 anqas iwassal sal-Artikolu 2156 iżda jasal biss sal-Artikolu 1009B li dan kien żball tal-pinna.

i. il-preskrizzjoni ta' ħames (5) snin skont l-artikolu suċċitat li tapplika kontra azzjoni għall-ħlas ta' kreditu għandha titqies mid-data tal-mewt ta' Ġużepp Cini lura, allura mill-1 ta' Frar, 2019 lura, li jwassal għal l-1 ta' Frar, 2014;[63]

ii. mill-assjem tax-xhieda tal-attur u ta' Maria Vella jirriżulta li f'dak il-perijodu minn Frar, 2014 sal-mewt ta' Ġużepp fi Frar, 2019 xi ħaġa favur l-interess ta' Ġużepp Cini kienet qiegħda issir mill-attur.

Mhuwiex iżda debitament aċċertat x'kien qiegħed isir mill-attur.

Kif diġà aċċennat, l-attur jgħid li għall Ġużepp Cini huwa kien jagħmel diversi qadjiet u xogħolijiet u jsemmi in partikolari li kien jeħodlu xi ħaġa ta' l-ikel b'mod regolari u kull nhar ta' Ħadd u festi,[64] jixtrilu oġġetti bżonn għad-dar,[65] jipprestalu għajnuna regolari bil-batterija tal-karozza stante li Ġużepp ma' kienx isuq kuljum bil-batterija kienet tagħqa,[66] isewwielu l-bjut darbtejn fis-sena,[67] jiftaħlu d-drenaġġ meta jkun hemm bżonn stante li Ġużepp ma' kellux faċilita' ta' dawl u ilma fid-dar u kien jingħata l-ilma mill-attur,[68] jagħmillu xi xogħol f'mandra li kellu mad-dar tiegħu meta jintalab jagħmel hekk minn Ġużepp stess,[69] u jiġborlu xi mediċinali minn spiżerija fin-Nadur.[70]

Il-Qorti hawn tosserva li l-attur żvesta kompletament ruħu milli jgħin ruħu fit-talbiet tiegħu billi jġib stralċ ta' prova ndipendenti favur l-ispejjeż li jirreklama li għamel versu l-bżonnijiet ta' Ġużepp Cini.

Spejjeż li f'ċertu każijiet – bħal fejn l-attur jgħid li għamel tiswijiet fil-bjut ta' Ġużepp, u kien jagħmel xi xirjiet lill Ġużepp b'mod regolari eċċ – kienu faċilment provabbli kieku l-attur, li sa mill-istadju bikri tar-rikors promotur tiegħu jgħid li kien hemm *"wegħda ta' kumpens finali"*,[71] kien responsabbli u żamm rendikont tagħhom – xi ħaġa li din il-Qorti kienet tistenna ladarba l-attur jallega u jinsisti li huwa għin lill Ġużepp bil-

---

[63] Ref. *inter alia*, id-deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-3 ta' Mejju, 2012 fl-ismijiet ***Carmen Briffa vs Josephine Camilleri et***.

[64] Kwistjoni li jikkonfermaw ukoll ix-xhieda Kelina Axiak – ref *inter alia* para. 9 tal-affidavit tagħha a fol 60 *et seq* u Maria Vella – ref *inter alia* il-paġna tat-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha mogħtija in kontro-eżami a fol 394.

[65] Kwistjoni li wkoll jikkonfermaw ix-xhieda Kelina Axiak – ref *inter alia* para. 12 tal-affidavit tagħha a fol 60 *et seq* u Maria Vella – ref *inter alia* il-paġna tat-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha mogħtija in kontro-eżami a fol 394.

[66] Ref. kontro-eżami tal-attur a fol 336 *et seq*.

[67] Ref. ix-xhieda tal-attur.

[68] Ref. xhieda tal-attur iżda wkoll ta' Alfred Axiak fl-affidavit tiegħu a fol 62.

[69] Ref. xhieda tal-attur.

[70] Ref. xhieda tal-attur.

[71] Ref. l-ewwel premessa tar-rikors promotur.

promessa ta' kumpens finali tant li anke jgħid li kien hemm diskors sabiex Ġużepp jiktiblu b'testment.[72]

Fir-rigward tal-allegat ġbir ta' mediċinali mill-attur a favur ta' Ġużepp Cini, hawn ukoll din il-Qorti tqies li l-attur ma' rnexxilux jagħmel prova ta' din l-allegata assistenza. Infatti, filwaqt li l-attur ressaq lill rappreżentant tal-Isptar Ġenerali ta' Għawdex sabiex jixhed dwar l-istorja medika ta' Ġużepp u ressaq ukoll lill-spiżjara li mill-ispiżerija tagħha kienu jinġabru mediċinali tal-istess Ġużepp taħt l-iskema tal-*Pharmacy of Your Choice*, l-attur naqas milli jkompli billi jġib xi prova – anke kif suġġerit mill-istess spiżjara li ressaq tixhed – li huwa kien jiġbor il-mediċinali għal Ġużepp.

Tali prova tressqet minflok mill-konvenuti u turi li kuntrarjament għal dak allegat mill-attur, jirriżulta li Ġużepp baqa' jiġbor il-mediċinali taħt l-iskema msemmija hu stess.[73]

Esklużi tali spejjeż li allura jirriżultaw mhux ippruvati mill-attur kif kien ikun xieraq, li jibqa' mbagħad huma għajnuna li setgħet tassew ingħatat mill-attur lill Ġużepp Cini – li kellhom postijiet maġenb xulxin kif jixhed l-attur stess tant li jgħid li kien anke jagħti l-ilma lill Ġużepp minn post li għandu fejn kien jgħix Ġużepp – li jistgħu jitqiesu bħala pjaċiri ta' *buon viċinat*.

B'dan iżda li din il-Qorti ma' tneħħix mill-mertu ta bniedem li, b'mod regolari, jgħin lill ieħor bil-batterija tal-karozza li jagħti l-każ li kienet l-aħħar sembjanza ta' indipendenza mil-konfini tad-dar tiegħu,[74] jeħodlu x'jiekol u jeħodlu ħsieb ta' ħtiġijiet oħra, żagħar kemm huma żagħar, xi tip ta' kumpens ħaqqu. Dan partikolarment meta l-bniedem li ġie hekk mgħejjun kien deskritt mit-tobba kuranti tiegħu bħala li għandu *"family problems"*,[75] isoffri minn problemi psikiċi,[76] *"lives alone"*,[77] u " (of) *poor social circumstances"*.[78]

[72] Ref. l-ewwel paragrafu sħih fil-paġna tal-affidavit tiegħu li tinsab a fol 108.
[73] Ref. dokumenti a fol 306 sa 308 bil-firma li hemm tidher bħala ta' Ġużepp imqabblu mal-kopja tal-karta tal-identita' teigħu li tinsba a fol 320.
[74] Ref. kontro-eżami tal-attur a fol 336 *et seq*.
[75] Ref. dokument mediku a fol 23.
[76] Ref. dokumenti mediċi a fol 13 sa 18, 23 sa 53 u 287 sa 307.
[77] Ref. dokumenti mediċi *inter alia* a fol 33, 36, u 39.
[78] Ref. dokument mediku a fol 43.

B'dan iżda li tibqa' il-kwistjoni tal-likwidazzjoni ta' valur li jirrispekja l-għajnuniet magħmulha mill-attur versu Ġużepp Cini. Kwistjoni li l-attur ħalla pjenament f'idejn din il-Qorti mingħajr anqas biss ittenta jagħti *ballpark figure* għall-kunsiderazzjoni tagħha.[79]

Din il-Qorti sejra hawnhekk tagħmel referenza ampja u tiċċita *in estenso* mid-deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-13 ta' Ottubru, 1950 fl-ismijiet ***Caterina Abdilla vs Avv. Dr. Frank Vassallo et noe***.

Fl-imsemmija deċiżjoni l-Qorti kkunsidrat kif isegwi:

> [...] *oġġettivament il-likwidazzjoni tas-serviġi tiddependi min-natura tas-serviġi; imma ċerti konsiderazzjonijiet soġġettivi fir-rigward tal-persuna servuta u l-istess persuna serventi ma jistgħux jiġu traskurati, inkwantokke' anki fil-ħajja ordinarja ċerti serviġi huma diversament retribwibili, għalkemm huma ta' ugwali natura, minn persuni ta' pożizzjoni ekonomika diversa; il-għaliex l-istess persuni serventi naturalment iħossu li huma għandhom distributivament ipaċu ħaġa ma' oħra, u fejn jistgħu jitħallsu l-massimu jħossu li għandhom jeżiġuħ, mentri fejn jafu li dak il-ħlas massimu mhux possibili jimmoderaw il-ħlas. Del resto, din hija indirettament l-adozzjoni tat-teorija ta' l-ekwita' fir-reġġenza u tmexxija tal-ħajja ordinarja tal-"bonus vir".*

Dak li hawn trid id-deċiżjoni ċċitata huwa li f'każ fejn persuna tirrendi serviġi lill persuna oħra, dik li hekk tirrendi s-serviġi sejra ndubjament tħoss li għandha jedd titlob il-ħlas massimu għal dak magħmul minnha, dment li jkun hemm fuq xiex jiġi supportat tali ħlas mill-assi tal-benefikant tas-serviġi.

Huwa ċertament għalhekk li l-attur odjern ħass in-neċessita li jeżebixxi r-riċerki dwar Ġużepp Cini sabiex jistabbilixxi x'assi kellu, u fil-fatt segwa billi elenka tali assi fin-nota tal-osservazzjonijiet finali tiegħu.

Id-deċiżjoni ċċitata tkompli iżda hekk:

> [...] *dina l-Qorti kellha okkażjoni tinnota fir-relazzjonijiet legali u peritali dwar il-materja ta' serviġi, almenu fil-maġġoranza tagħhom, ċerta tendenza*

[79] Ref. l-aħħar paragrafu tan-nota tal-osservazzjonijiet finali tal-atturi li jibda fil-paġna penultima u jispiċċa fl-aħħar paġna tal-istess nota.

*lejn l-eżaġerazzjoni fil-valutazzjoni jew likwidazzjoni tal-kumpens tas-serviġi għax-xogħol, biex hekk jissejjaħ, ta' kura lejn il-persuna servuta. Ħafna mill-periti legali jipparifikaw dak ix-xogħol magħmul minn persuna kwalunkwe' għal dak ta' vera u proprja infermiera, u fuq il-linea u stregwa ta' dak il-ħsieb huma ġenerożament jabbondaw fil-kumpens; imma din il-prattika fil-ħsieb tal-Qorti, hekk assoluta hija perikoluża. Tabilħaqq, il-kura prestata f'marda lill-persuna servuta ndubbjament ħaqqha retribuzzjoni aqwa minn dik ta' sempliċi serviġi ordinarji; imma ċertament persuna mhux tal-professjoni ma tistax tkun kompensata għax-xogħol tagħha, anki jekk ikun ta' l-istess natura ta' dik ta' infermiera, bħala tali* […].

Din il-Qorti ċertament tikkondividi dan il-ħsieb u tqies mhux biss li l-attur m'huwiex professjonist fil-mestier ta' infermier iżda li, fuq il-konsistenza tax-xhieda tiegħu stess fir-rigward tal-persuna u l-benessere ta' Ġużepp Cini huwa kien biss jagħmillu xi kafe', jeħodlu l-ikel, u darba meta sabu li kien waqa fl-art ġabru, ħaslu, biddillu u poġġieħ f'sodtu sakemm mar aktar tard u reġgħa sabu mal-art fejn reġgħa biddillu u ħallih f'daru sakemm aktar tard innota li kien għadu jħarħar u ċempel għall-ambulanza.[80]

In-natura tax-xogħol magħmul verso Ġużepp Cini kif deskritt mill-attur stess ċertament ma' jistax għalhekk jiġi ekwiparat ma' dak ta' infermier.

Oltre dan, irriżulta li ftit żmien biss wara l-inċident fejn Ġużepp Cini nstab mal-art u ttieħed l-isptar, Ġużepp miet fl-isptar fejn mid-dokumenti tal-isptar jidher li kienu uliedu u oħtu Kelina li kienu jkunu jduru bih, mhux l-attur.

B'dan li anqas jista' jingħad li kien hemm xi tul ta' żmien konsiderevoli fejn l-attur presta xi xogħol li jista' jikkwalifika bħala serviġi proprja.

Dak li fil-fatt jista' jitqies bħal kumpensabbli lill-attur aktar għandu minn natura ta' spejjeż inkorsi minnu fuq ikel u bżonnijiet ta' Ġużepp Cini milli ta' serviġi proprja.

L-istess deċiżjoni diġà ċċitata tkompli mbagħad billi tgħid:

[80] Ref. paragrafu penultimu fl-affidavit tal-attur fil-paġna tal-istess affidavit a fol 108. Aqra l-istess flimkien mad-dokument mediku a fol 52 u 53.

> […] *għall-finijiet tal-likwidazzjoni tal-kumpens huma importanti tant in-natura tas-serviġi kemm ukoll l-estensjoni tagħhom fil-kwalita' u żmien. Jekk huwa minnu li dak li ntqal fuq huwa importanti għad-determinazzjoni tal-kumpens, huwa wkoll importanti f'ordni ugwali li jiġi kunsidrat li (a) l-attriċi ma' tilfet ebda xogħol sabiex tmur toqgħod mad-decujus, (b) li hija ma' kienitx infermiera jew li kellha qatt dik is-sengħa, (c) id-decujus qatt ma' taha ebda flus jew rigali għas-serviġi li għamlitlu.*

Din il-Qorti tqies li tali prinċipji hekk enunċjati fid-deċiżjoni ċċitata japplikaw ukoll għal dan il-każ odjern, bl-attur jista jitqies li presta biss serviġi, kuri, u assistenzi li jistgħu hekk jissejħu bażiċi, u li l-istess attur mhuwiex infermier u li qatt ma' allega u wisq anqas wera li tilef xi xogħol sabiex għamel li għamel ma' Ġużepp Cini. Dan filwaqt li jinsisti li qatt ma' ġie b'xi mod ikkumpensat minn Ġużepp.

Magħdud dan, u meqjus li Ġużepp Cini baqa' sal-aħħar indipendenti għal kollox tant li anke fl-aħħar, kif deskritt, l-attur jgħid li biddillu u ħallih f'daru sakemm ma' ħaditu l-ambulanza l-isptar mnejn ma' reġgħax ħareġ; u meqjusa wkoll il-limitazzjonijiet ta' dak ippruvat bħala magħmul mill-attur favur u fl-interess ta' Ġużepp Cini, din il-Qorti ma' tistax għajr tillikwida ammont *arbitrio boni viri* bħala kumpens adegwat ta' dak li temmen li sar mill-attur favur Ġużepp Cini bħala korrispettiv simboliku tal-fatt li jidher li s-servizzi tal-attur kellhom aktar minn natura ta' persuna li tmur toqgħod ftit ma' oħra biss b'sagrifiċċju ta' ftit mill-ħin liberu tagħha sabiex tara għal xi bżonnijiet bażiċi li tali persuna jista' jkollha.

Huwa għalhekk li din il-Qorti, wara li tqies it-terminu limitat bejn l-1 ta' Frar, 2014 – tenut konut dak deċiż dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti – u l-1 ta' Frar, 2019 – id-data tal-mewt ta' Ġużepp Cini – li fih kien preżenti għal Ġużepp Cini l-attur Tarcisio Said; wara li tqies ukoll in-natura ta' dak li jidher, fiċ-ċirkostanzi prevalenti, bħala kredibilment magħmul mill-attur favur u fl-interss tal-istess Ġużepp Cini, u; wara li tqies li finalment Ġużepp Cini baqa' ndipendenti bl-aktar mod assolut sa ma' daħal għall-aħħar darba l-isptar fl-2019 meta miet u, tul ħajtu ma' kienx jirrekjedi ħafna stante li ġie anke ppruvat li kien jgħix ħajja sempliċi għall-aħħar ġo dar li ċertament ma' kienitx tirrekjedi xi xogħol kbir filwaqt li qatt ma' ried nies madwaru, ma' tistax

għajr tillikwida favur l-attur s-somma totali ta' sitt elef, erba' mija u ħamsa u erbgħin Euro (€6,445).[81]

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Oltre għal dak meqjus rigward il-kuri, assistenzi, u serviġi reżi mill-attur versu u fl-interess ta' Ġużepp Cini, tibqa wkoll sabiex tiġi deċiża t-tieni (2) eċċezzjoni tla-konvenuti skont liema, il-konvenuta Carmen Cini mhix leġittimu kontradittur u għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż kontra l-attur.

Kif diġa' ingħad, irriżulta nkontestat li l-konvenuta Carmen Cini kienet debitament irrinunzjat għall-wirt tal-eks żewġha Ġużepp b'dikjarazzjoni magħmulha minnha fid-dikjarazzjoni *causa mortis* dwar is-suċċessjoni ta' Ġużepp Cini, datata l-10 ta' Settembru, 2020 in atti Nutar Anthony Hili fejn ingħad testwalment li *"il-komparenti Carmen Cini qegħda tirrinunzja għall-finijiet u effetti tal-liġi u partikolarment tal-Artikolu tmien mija u sittin sub-inċiż tnejn (Artikolu 860(2)) tal-Kodiċi Ċivili ta' Malta, Kapitolu sittax (16) tal-Liġijiet ta' Malta, għall-eredita' tal-imsemmi żewġha Joseph Cini"*.[82]

Naturalment, kawża għall-ħlas ta' kuri, assistenzi, u serviġi reżi dejjem issir kontra l-werrieta ta' dak li favur tiegħu jkunu saru l-istess kuri, assistenzi, u serviġi.

Huwa ċar kemm li r-rinunzja da parti tal-konvenuta Carmen Cini għall-wirt ta' dak li kien żewġha Ġużepp ma' ġiet bl-ebda mod kontradetta mill-attur – ċirkostanza raġunata tenut kont tad-diċitura tal-Artikolu 860(2) tal-Kap. 16[83] – kif ukoll li tali rinunzja saret f'Settembru, 2020, kważi sena qabel ġiet intavolta din l-istanza f'Marzu, 2021.

Isegwi għalhekk li l-konvenuta Carmen Cini għandha tiġi debitament liberata mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż dwar it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti jibqgħu a karigu ta' l-attur.

---

[81] Kalkolata mill-1 ta' Frar, 2014 – tenut konut dak deċiż dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti – sal-10 ta' Jannar, 2019 – data meta ddaħħal l-isptar għall-aħħar darba Ġużepp Ċini – allura fuq medda ta' elf tmien mija u ħames t'ijiem (1805), imnaqqsin jumejn fil-ġimgħa stante li fuq ammissjoni tal-attur stess huwa ma' kienx imur kuljum fejn Ġużepp għajr lejn l-aħħar u ma' kienx jeħodlu ikel kuljum iżda sporadikament kif ukoll kull nhar ta' Ħadd u fil-festi – eżerċizzju li jwassal allura għal total ta' elf mitejn u disgħa u tmenin (1289) jum – bir-rata ta' ħames Euro kuljum.
[82] Ref. it-tieni paragrafu sħih fil-paġna tad-dikjarazzjoni *causa mortis* li tinsab a fol 56.
[83] **860.** *(1) Ir-rinunzja għal wirt ma tistax tkun preżunta. (2) Ir-rinunzja tista' ssir biss b'dikjarazzjoni ppreżentata fir-reġistru tal-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja fil-gżira fejn il-mejjetkien joqgħod fiż-żmien tal-mewt tiegħu jew b'dikjarazzjoni magħmula b'att ta' nutar pubbliku.*

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Dwar it-tieni (2) talba tal-attur referibbli għat-tieni (2) premessa tar-rikors promotur tiegħu sabiex jiġi likwidat ammont ta' flejjes li l-attur allegatament għadda lill Ġużepp Cini, jingħad li peress li ebda provi ma' tressqu mill-attur f'dan ir-rigward din il-Qorti tqies li l-istess talba ma' ġietx ippruvata u sejra għalhekk tiġi respinta.

**Deċide:**

Għaldaqstant, in vista tal-premess u għar-raġunijiet kollha hawn fuq espressi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

i. tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel (1) eċċezzjoni sollevata mill-konvenuti stante li l-istess ġiet irtirata;

ii. tilqa' it-tieni (2) eċċezzjoni sollevata mill-konvenuti u tillibera lill-konvenuta Carmen Cini mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż dwar din l-eċċezzjoni jibqgħu unikament a karigu tal-attur;

iii. tilqa it-tielet (3) eċċezzjoni sollevata mill-konvenuti referibbli għal-preskrizzjoni ta' ħames (5) snin ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16, Liġijiet ta' Malta, limitatament kif ikkunsidrat fil-parti tal-kunsiderazzjonijiet ta' din id-deċiżjoni;

iv. tiddisponi mir-rimanenti eċċezzjonijiet tal-konvenuti konsistentement ma' dak hawn deċiż;

v. tilqa' l-ewwel (1) talba attriċi u tillikwida l-kumpens dovut lill-attur għal-serviġi, kuri, u assistenzi reżi lill Ġużepp Cini fil-valur ta' sitt elef, erba' mija u ħamsa u erbgħin Euro (€6,445);

vi. tiċħad it-tieni (2) talba attriċi;

vii. tilqa' it-tielet (3) talba attriċi limitatament billi tikkundanna lill-konvenuti Demsond Cini u Sally Farrugia jħallsu lill-attur il-valur biss ta' sitt elef, erba' mija u ħamsa u erbgħin Euro (€6,445).

Bl-ispejjeż ta' din il-kawża jkunu in kwantu għal dawk relatati mat-tieni eċċezzjoni sollevata mill-konvenuti a karigu assolut tal-attur, in kwantu għar-rimanenti jinqasmu fil-kwota ta' tmenin fil-mija (80%) a karigu tal-attur u għoxrin fil-mija (20%) a karigu tal-konvenuti Desmond Cini u Sally Farrugia.

(ft) Dr. Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft) Jenna Mizzi
D/Registratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur